## FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.

**Illum: 15 ta' Novembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Carmelo Borg**
**ID: 76458(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Carmelo Borg ta' 59 sena, iben Lorenzo u Catania nee` Borg, imwieled Birkirkara nhar it-8 ta' Jannar 1958, residenti gewwa 42, Triq il-Vitorja, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita` numru 76458(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Novembru 2017:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna/i inkarigata/i skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. B'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq ufficjal pubbliku u cioè WPS 198, hekk kif iccertifikat minn Dr Karl Cutajar MD reg No 4108 u dan bi ksur tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtijin lilu minn WPS 198, PC 300, PC 370 u/jew persuni ohra ufficjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom jew indahlilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil WPS 198, PC 300, PC 370 u/jew persuni ohra ufficjali pubblici u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fi triq pubblika, wara li kien involut f'incident ta' traffiku, naqas li nbhala sewwieq jieqaf u meta hekk kien mitlub minn xi ufficjal tal-pulizija, gwardjan lokali jew minn xi persuna ohra li jkollha raguni bizejjed li titlob li jsir hekk, jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, kif ukoll l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura u d-dettalji tal-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru ta' registrazzjoni tal-vettura u dan bi ksur tal-Artikolu 67(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11;

7. Saq vettura ta' ghamla Mercedes Benz bin-numru ta' registrazzjoni DBI 864 b'manjiera bla kont, jew traskurata u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiez f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li

ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurtà tal-vittmi skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Finalment, il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tohrog Ordni ta’ Protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuni offiza jew individwi ohra skont it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirtira l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, kif ukoll it-talba taghha sabiex tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghat-tieni, t-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt u s-seba’ imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghat-tieni, t-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt u s-seba’ imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, li huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u li ddispjacih tal-akkadut. Hadet in konsiderazzjoni wkoll ic-cirkostanzi tal-kaz u n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat u li l-ahhar kundanna tirrisali ghas-sena 2010.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 95, 226(1)(c), 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ir-Regolament 67(1) tal-Legislazzjoni

Sussidjarja 65.11, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' xahrejn prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal zmien sena mil-lum, kif ukoll ghall-multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekutivi ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fiz-zmien xahar mil-lum. B'dan illi kemm-il darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f'prigunerija skont il-ligi.

Stante li l-Prosekuzzjoni irtirat kemm l-ewwel imputazzjoni, kif ukoll it-talba ghall-iskwalifika tal-licenzja, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-hati a favur ta' WPS 198 Jennifer Caruana, PC 300 Glenn Cachia u PC 370 Lino Vella ghal zmien sena mil-lum, ai termini ta' liema huwa qed jigi projbit milli javvicina, jkellem jew jikkuntattja direttament jew indirettament jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-imsemmija Ufficjali tal-Pulizija.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car u semplici l-konsegwenzi skont il-ligi kemm-il darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt it-terminu operattiv tas-sentenza sospiza. Spjegatlu wkoll il-konsegwenzi skont il-ligi, kemm-il darba huwa jikser l-Ordni ta' Protezzjoni.

Fid-dawl tal-Ordni ta' Protezzjoni, il-Qorti jidhrilha li mhuwiex neccessarju illi torbot lill-hati ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat